MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 921/2002/1

**Gordon Mizzi, Corinne Apap Bologna u Spearhead Investments Limited**

**v.**

**Dr. John C. Grech, Chevalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi, Mizzi Holdings Limited, Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u the General Softdrinks Company Limited, Demoncada Limited, Demoncada Holdings Limited, Devilhena Limited, u Daragon Limited**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dan l-appell jikkoncerna l-kwistjoni jekk l-atturi appellanti jistghux jitolbu dikjarazzjoni illi huma qeghdin jigu sistematikament oppressi, diskriminati u svantaggjati fil-gestjoni tal-grupp ta’ socjetajiet maghrufa bhala Mizzi Organisation, ta’ liema grupp huma, flimkien ma’ ohrajn, huma azzjonisti ahharin.

**2.** Il-fatti rilevanti ghal fini ta’ din is-sentenza huma s-segwenti:

1. L-atturi Gordon Mizzi u Corinne Apap Bologna ghandhom ghoxrin fil-mija kull wiehed ta’ l-ishma tas-socjeta` konvenuta Demoncada Limited.
2. L-atturi Corinne Apap Bologna u s-socjeta` Spearhead Investments Ltd. ghandhom ghoxrin fil-mija kull wiehed ta’ l-ishma tas-socjeta` konvenuta Demoncada Holdings Ltd.
3. Is-socjeta` konvenuta Demoncada Limited ghandha terz mill-ishma tas-socjetajiet konvenuti Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited.
4. Is-socjeta` konvenuta Demoncada Holdings Limited ghandha terz mill-ishma tas-socjeta` konvenuta The General Soft Drinks Company Limited.
5. Is-socjetajiet konvenuti Daragon Limited u Devilhena Limited ghandhom terz mill-ishma kull wiehed tas-socjetajiet konvenuti Kastell Limited u The General Soft Drinks Company Limited.
6. Il-konvenut Maurice Mizzi u s-socjeta` konvenuta Daragon Limited ghandhom terz mill-ishma kull wiehed tas-socjetajiet konvenuti Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited.
7. Is-socjetajiet konvenuti Daragon Limited u Devilhena Limited jappartjenu lil diversi azzjonisti uhud minnhom konvenuti f’din il-kawza.
8. Is-socjetajiet konvenuti flimkien jiffurmaw u jagixxu bhala grupp, billi jitmexxew u jinnegozjaw bhala grupp taht l-isem ta’ Mizzi Organisation.
9. Il-konvenut Dr. John C. Grech huwa c-Chairman ta’ dan il-grupp ta’ kumpaniji, waqt li Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi u l-attur Gordon Mizzi

huma kollha diretturi fuq id-diversi socjetajiet tal-grupp, u flimkien ma' Dr. John C. Grech bhala Chairman jiffurmaw l-Bord tad-diretturi u bord dirigenti ta' dan il-grupp ta' kumpaniji.

**3.** Dawn il-fatti m'humiex kontestati.

## Talbiet u Eccezzjonijiet

**4.** L-atturi talbu lill-ewwel Qorti:

**"tiddikjara li l-atturi qieghdin jigu sistematikament oppressi, mwarrba diskriminati u svantaggjati fil-gestjoni tal-grupp ta' socjetajiet formanti l-grupp Mizzi Organisation, ta' liema grupp huma, flimkien ma' ohrajn, huma azzjonisti ahharin.**

**"Salv kull dritt spettanti lill-atturi ghar-rimedji opportuni li jigu mitluba f'gudizzju separat."**

**5.** Il-konvenuti kollha, barra s-socjetajiet Demoncada Holdings Ltd. u Devilhena Limited eccepew (fol. 19 u 20) illi:

**1. Preliminarjament illi l-proceduri odjerni huma nulli u bla effett stante illi l-premessi u t-talba kif dedotti fic-citazzjoni jistghu jinkwadraw ruhhom biss fil-kuntest tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta' Malta u l-allegat agir tal-konvenuti (jew min minnhom) huwa wiehed azzjonabbli biss abbazi ta' dak l-istess artikolu u ghalhekk dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permezz ta' rikors kif jitlob dak l-istess artikolu b'mod tassattiv, u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;**
**2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari, illi l-ebda wiehed mill-atturi m'ghandu l-locus standi necessarju biex jaghmel jew taghmel id-domanda maghmula fic-citazzjoni fil-konfront tas-socjetajiet eccipjenti, ghaliex l-atturi**

**m'humiex membri ta' l-istess, u ghalhekk l-istess socjetajiet ghandhom jigu liberati mid-domandi;**
**3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari, l-artikolu 402 tal-Kap. 386 ma jaghtix rimedju kontra d-diretturi personalment, u ghalhekk il-konvenuti diretturi ghandhom jigu liberati mid-domandi;**
**4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, preliminarjament ukoll, illi hadd mill-atturi m'ghandu l-interess guridiku necessarju biex jippromwovi l-proceduri odjerni u ghalhekk ukoll il-konvenuti ghandhom jigu liberati mid-domandi;**
**5. Illi fil-meritu l-allegazzjonijiet dedotti fic-citazzjoni li s-socjetajiet Mizzi Holdings Limited, Consolidated Holdings Limited, Kastell Limited u The General Soft Drinks Limited (aktar 'il quddiem imsejha il-Grupp) qeghdin jigu gestiti b'mod li jarreka pregudizzju evidenti u serju lill-istess socjetajiet, li l-istess socjetajiet qieghdin jitmexxew b'mod irresponsabbli mid-diretturi, u li l-atturi qeghdin jigu sistematikament oppressi, mwarrba, diskriminati u svantaggjati fil-gestjoni tal-Grupp, huma kollha michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**6.** Is-socjetajiet konvenuti Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited eccepew is-segwenti:

**1. Preliminarjament l-istanza hi irrita u dana peress illi ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi tesigi illi tali istanza ghandha ssir permezz ta' rikors u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2. Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-fuq espost ma jezistux ir-rekwiziti f'materia socjetarja illi jaghtu lill-atturi dritt ta' azzjoni kontra l-eccipjenti u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**

**3. Fil-mertu l-allegazzjonijiet kollha dwar oppressjoni, trattament diskriminatorju u allegazzjonijiet ohrajn ohra huma ghal kollox infondati peress illi ghalkemm l-atturi huma azzjonijisti minoritarji fis-socjetajiet eccipjenti huma dejjem gew trattati b'mod gust u xieraq bhall-azzjonijisti l-ohra kif hu ben saput mill-attur Gordon Mizzi li sa ftit zmien ilu kien jesplika l-mansjonijiet ta' direttur taz-zewg socjetajiet. Per konsegwenza d-domanda attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.**

**7.** Fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2004,[1] il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. u l-eccezzjoni *(sic)* preliminarja *(sic)* tal-konvenuti l-ohra.

**<u>Sentenza ta' l-Ewwel Qorti</u>**

**8.** B'sentenza ta' l-14 ta' Frar 2005, l-ewwel Qorti iddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari billi filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, laqghet it-tieni eccezzjoni taghhom u lliberathom (kollha) mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez jithallsu mill-atturi. Kopja ta' din is-sentenza qed tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>L-appell principali</u>**

**9.** L-atturi appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-azzjoni giet ben postulata bhala azzjoni dikjaratorja u l-atturi appellanti ma kellhomx jispecifikaw liema rimedju kienu qeghdin jitolbu.
2. L-appellanti jissottomettu illi huma ghandhom interess dirett fil-konfront ta' Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited u interess indirett fil-konfront tas-socjetajiet appellati l-ohra.

---

[1] Ara fol. 180 tal-process.

3. L-appellanti jilmentaw illi stante li huma membri tas-socjetajiet Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited, dawn iz-zewg konvenuti ma kellhomx jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
4. L-appellanti jissottomettu wkoll illi, abbazi ta' l-interess indirett taghhom fis-socjetajiet konvenuti l-ohra, hemm lok ghall-azzjoni derivattiva fil-konfront ta' dawn is-socjetajiet li wkoll gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-appell incidentali**

**10.** Fir-risposta ta' l-appell taghhom, l-appellati Dr. John C. Grech, Chevalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi, Mizzi Holdings Limited, Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u The General Softdrinks Company Limited, Devilhena Limited, u Daragon Limited appellaw incidentalment mill-ewwel parti tas-sentenza fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni taghhom illi dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permezz ta' rikors kif jitlob b'mod tassattiv l-Artikolu 402 tal-Kap. 386.

**11.** Is-socjetajiet appellati Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited ma ntavolaw l-ebda appell incidentali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-appell incidentali**

**12.** Logikament l-ewwel li ghandu jigi kkunsidrat huwa l-appell incidentali, ghaliex jekk dan l-appell – ghall-grazzja ta' l-argument - jigi milqugh, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravji mressqa fl-appell principali. L-aggravju f'dan l-appell incidentali huwa wiehed u cioe` illi l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghhom illi dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permezz ta' rikors kif jitlob b'mod tassattiv l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, u mhux permezz ta' citazzjoni.

**13.** Tul dawn il-proceduri kollha, l-atturi appellanti dejjem insistew li l-azzjoni odjerna kienet wahda merament

dikjaratorja. Fil-fatt anki fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti huma qalu hekk: *"... ... (D)in l-azzjoni ma hijiex wahda direttament fondata fuq l-artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji imma hija wahda merament dikjaratorja. In effetti l-unika haga li tintalab fic-citazzjoni hija dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li: "l-atturi qieghdin jigu sistematikament oppressi, mwarrba, diskriminati u svantaggjati fil-gestjoni tal-grupp ta' socjetajiet formanti l-grupp Mizzi Organisation, ta' liema grupp huma flimkien ma' ohrajn, huma azzjonisti ahharin." Il-limitu ta' tali azzjoni hija l-interess ta' l-atturi fl-otteniment taghha. Ic-citazzjoni ma titlobx ir-rimedji kontemplati fl-artikolu 402, imma thalli dawk biex jintalbu separatament, jekk ikun il-kaz, jekk il-Qorti taghmel dikjarazzjoni kif mitluba."*[2]

**14.** Ghalkemm ma hemmx dubbju, illi meta giet redatta c-citazzjoni l-atturi appellanti kellhom f'mohhhom ir-rimedji disponibbli lilhom taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, huma deherilhom – ghar-ragunijiet li jafu huma – li jillimitaw it-talbiet taghhom ghal semplici dikjarazzjoni, minghajr f'dan l-istadju ma jitolbu wkoll ir-rimedji kontemplati fl-Artikolu 402. Kif gie ritenut minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Grech v. Ludgarda Grech** deciza fil-11 ta' Jannar 1989[3]: *"(M)'humiex vjetati domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni, purche` dawn ikunu preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali, ghalkemm din tkun ghadha ma gietx dedotta f'gudizzju (jigifieri ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intiza u tista' effettivament tigi esegwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli). Anzi, skond il-gurisprudenza taghna, domandi simili lanqas huma projbiti fid-dritt processwali, anki meta d-domanda definittiva u finali ma tkunx tista' tigi dedotta attwalment, izda fil-futur (Vol. XXXVI-I.27). Pero` l-Qorti ghandha tkun perswaza li l-parti ghandha l-interess li titlob dik id-dikjarazzjoni, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun tista tifforma l-bazi ta' kawza ohra li tkun tista' ssir fil-futur; liema interess*

[2] Ara fol. 134 tal-process quddiem l-ewwel Qorti. Ara wkoll ir-risposta ta' l-appellanti ghall-appell incidentali a fol. 50 tal-process ta' l-appell.
[3] Vol. LXXIII – Part 2 – Sez. 1 – pag. 247, a fol. 252 u 253.

*m'ghandux ikun ipotetiku, imma jrid ikun konkret u jrid ikun jissussisti di fronte ghall-konvenut li gie maghzul bhala legittimu kontradittur."* [4]

**15.** La darba l-azzjoni odjerna hija wahda dikjaratorja ma kienx necessarju li dawn il-proceduri jigu ntavolati permezz ta' rikors kif kontemplat fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386, u setghu jigu intavolati permezz ta' citazzjoni, kif fil-fatt ghamlu l-atturi appellanti. Konsegwentement dan l-appell incidentali ma jistax jigi milqugh. Pero`, dana premess, il-Qorti ghandha tara u tiddeciedi jekk l-interess a bazi tad-domanda mitluba fic-citazzjoni, jirrendix dik it-talba gustifikata w amissibbli fil-konfront tal-konvenuti – kwistjoni li appuntu tifforma l-meritu ta' l-aggravji ta' l-appell principali.

**L-ewwel aggravju ta' l-appell principali**

**16.** F'dan l-aggravju l-appellanti jissottomettu illi l-azzjoni odjerna giet ben postulata bhala azzjoni dikjaratorja u li huma ma kienux obbligati jispecifikaw liema rimedju kienu qeghdin jitolbu. Ghalhekk skond l-atturi appellanti l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet illi tikkunsidra l-azzjoni intentata mill-appellanti bhala wahda a tenur ta' l-artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, u mhux bhala wahda ta' natura dikjaratorja.

**17.** Ghalkemm minn lat wiehed din il-Qorti taqbel li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkunsidra l-azzjoni odjerna limitatament bhala wahda li saret taht l-Artikolu 402, imma kellha tikkunsidraha bhala wahda ta' natura dikjaratorja, pero min-naha l-ohra ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma ma kienux obbligati li jispecifikaw ghal liema rimedji kienu bi hsiebhom jirrikorru, kemm-il darba l-ezitu ta' din il-kawza jkun – ghall-grazzja ta' l-argument – favorevoli ghalihom. Kif diga` gie spjegat iktar il-fuq, domanda diretta ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hija ammessa fil-gurisprudenza taghna,

[4] Ara wkoll fl-istess sens **Albert Degiorgio v. Loris Bianchi et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) fit-23 ta' Jannar 2004.

basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda in kwistjoni ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tigi segwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli. Konsegwenza logika ta' dan hija li meta attur jipprezenta kawza li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa necessarju li huwa jizvela lill-Qorti liema huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri ghalihom, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza dikjaratorja ikun favorevoli ghalih, u dan sabiex jissodisfa lill-Qorti li d-dikjarazzjoni li hu qieghed jitlob mhix wahda merament akkademika.

**18.** Fir-rikors ta' l-appell taghhom[5] l-appellanti jissottomettu illi fil-gurisprudenza nostrana, qatt ma gie rikjest, sabiex tigi ammessa kawza li fiha tintalab biss dikjarazzjoni, li l-attur *a priori* jiddikjara specifikament liema azzjoni bi hsiebu jistitwixxi wara li jottjeni d-dikjarazzjoni mitluba minnu. Pero` dan huwa kontradett mill-gurisprudenza li giet kwotata minnhom stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fil-prim'istanza, u cioe` **Joseph Grech v. Ludgarda Grech** surriferita, fejn din il-Qorti espressament osservat illi *"Imbaghad l-attur specifika fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, pprezentata quddiem l-ewwel Qorti (fol. 28/29), liema huma dawn l-"azzjonijiet ohra" li huwa seta' jintenta f'kaz ta' esitu favorevoli ghalih fl-istanza odjerna: u cioe ... ..."*

**19.** In oltre, l-appellanti stess, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, jispecifikaw liema huma l-azzjonijiet li fil-fehma taghhom huma jistghu jezercitaw, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza odjerna jkun favorevoli ghalihom. Fil-fatt huma jissottomettu hekk: *"Issa huwa car li l-atturi ghandhom kull interess li jottjenu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-agir tal-konvenuti huwa wiehed zbaljat fil-ligi u diskriminatorju u lesiv tad-drittijiet taghhom fil-konfront tal-gestjoni tas-socjetajiet citati. Tali interess jisfoggja mhux biss fil-possibilita` fi stadju ulterjuri li l-atturi jipprocedu b'azzjoni taht l-artikolu 402 kif indikat mill-istess konvenuti, imma jista' jaghti lok ghall-rimedji ohra, inkluz talba ghall-hlas tad-danni fil-konfront ta' min ikun agixxa bi ksur tal-ligi."* [6]

[5] A fol. 6 tal-process ta' l-appell, l-ahhar paragrafu.
[6] Ara nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi appellanti a fol. 135 tal-process in prim'istanza.

**20.** Fid-dawl tas-suespost, kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkunsidrat jekk it-talba dikjaratorja li kienu qieghdin jitolbu l-appellanti, setghetx tigi effettivament segwita b'talba ghal wiehed jew iktar mir-rimedji taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji.

**21.** Ghaldaqstant, dan l-aggravju – in kwantu dirett kontra parti minn dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata – qed jigi michud.

**<u>It-tieni aggravju ta' l-appell principali</u>**

**22.** F'dan l-aggravju, l-appellanti jissottomettu illi huma ghandhom interess dirett fil-konfront ta' Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited u interess indirett fil-konfront tas-socjetajiet appellati l-ohra. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellanti illi ghal dak li jirrigwarda s-socjetajiet appellati Demoncada u Demoncada Holdings, l-appellanti bhala membri diretti ta' dawn iz-zewg kumpaniji, ghandhom interess dirett fl-ezitu ta' l-azzjoni odjerna. Mill-banda l-ohra, pero`, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni l-ohra ta' l-appellanti, u cioe` fi kliemhom stess: *"Illi ghal dak li jirrigwarda s-socjetajiet l-ohrajn imharkin fil-kawza, l-interess ta' l-appellanti huwa wiehed indirett billi l-azzjoni taghhom taqa' fil-parametri ta' l-azzjoni derivattiva fejn qed jigu protetti l-interessi ta' Demoncada Limited u Demoncada Holdings Ltd."* [7]

**23.** L-azzjoni derivattiva hija kuncett li twieled fil-*common law* ta' l-Ingilterra. Kif jispjega tajjeb **Andrew Muscat** fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law** [8] taht il-common law Ingliza: *"The derivative action is an action brought by a shareholder in respect of a wrong done to the company where the wrongdoers are in control and prevent the company itself from suing. The benefit of the action would accrue not to the benefit of the shareholder instituting the action but to the company. To succeed in a derivative action, the minority shareholder must prove (i) fraud on the minority, and (ii) wrongdoer control which*

[7] Ara rikors ta' l-appell a fol. 7 para 3 tal-process.
[8] (2007) pag. 890-891

*prevents the company itself bringing the action in its own name. The derivative action is accordingly available where the company itself has been wronged and the directors or the majority shareholders who control the composition of the board fail to take the necessary action to institute the necessary legal proceedings to remedy the wrong suffered by the company. The derivative action is therefore an exception to the rule in Foss vs Harbottle that in respect of a wrong alleged to be done to a company the company itself is the proper plaintiff."*

**24.** Il-Qrati Maltin kemm-il darba irriferew ghall-gurisprudenza kif giet zviluppata fl-Ingilterra ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-drittijiet ta' azzjonijisti, u specjalment ghar-regola stabbilita fil-kaz **Foss v. Harbottle** [9] u l-eccezzjonijiet ghaliha. Irid jinghad ukoll li xi awturi esprimew id-dubji taghhom jekk ir-rikonoxximent tal-kuncett ta' l-azzjoni derivattiva mill-Qrati Maltin huwiex kompatibbli mal-ligi tal-procedura Maltija[10]. Pero` din il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol f'din il-kwistjoni ghall-fini tal-kawza odjerna, u dan ghal zewg ragunijiet.

**25.** L-ewwel nett skond il-kuncett ta' azzjoni derivattiva kif zviluppat fil-ligi Ingliza, ghalkemm huwa l-azzjonista minoretarju li jipprezenta azzjoni derivattiva, kwalunkwe beneficcju li jista' jigi ottenut mill-eventwali sentenza imur a favur tal-kumpanija u mhux ta' l-azzjonista nnifsu. Ghalhekk azzjoni derivattiva tista' ssir biss minn persuna li tkun azzjonista fil-kumpanija li allegatament tkun giet jew tkun se tigi pregudikata, meta din il-kumpanija ma tkunx tista' tissalvagwardja l-posizzjoni taghha ghax tkun kontrollata fil-maggoranza minn azzjonisti ohra. Issa fil-kaz odjern, ma hemmx kontestazzjoni li l-appellanti huma biss azzjonisti fis-socjetajiet appellati Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. u ghalhekk l-appellanti ma jistghux jezercitaw l-azzjoni derivattiva fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti l-ohra. Minn qari, anke wiehed superficjali, tac-citazzjoni, l-azzjoni ntavolata mill-appellanti hija wahda personali u zgur mhux qed issir ghal beneficcju ta' Demoncada Ltd u/jew Demoncada Holdings

---

[9] (1843) 2 Hare 461
[10] Ara **Muscat** *op. cit.* pag. 901 footnote 105.

Ltd, li taghhom l-appellanti huma azzjonisti. Se mai, kienu s-socjetajiet Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. li setghu ipotetikament jipprezentaw azzjoni derivattiva kontra dawk is-socjetajiet appellati li fihom ghandhom l-ishma.

**26.** Fi kwalunkwe kaz, u fit-tieni lok, l-Att dwar il-Kumpaniji ta' l-1995 introduca rimedju statutorju – l-Artikolu 402 biex jipprotegi lill-azzjonisti minn agir oppressiv u diskriminatorju, u/jew agir allegatament illegali fil-konfront tal-kumpanija mill-persuni li jkunu fil-kontroll tal-kumpanija. Fil-fatt fil-ktieb tieghu **Muscat**[11] jghid hekk: *"It should also be noted that article 402(3)(e) of the Companies Act contemplates a statutory form of derivative action. The court is in fact empowered by the provisions to authorise "a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company." The disadvantage is that a member would have to institute two actions: one to obtain authorisation and then the one in the name and on behalf of the company."*

**27.** Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak li rriteniet l-ewwel Qorti li l-Artikolu 402(3)(e) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji huwa l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva. Ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti irregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati. L-Artikolu 402(1) jipprovdi li r-rimedji kontemplati fl-Artikolu 402(3) – li jinkludi anki l-versjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva – jistghu jigu esercitati biss minn kull membru tal-kumpanija[12]. Ladarba l-appellanti huma biss azzjonisti fis-socjetajiet appellati Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd., huma

---

[11] *Op. cit.* pagna 916 footnote 157

[12] L-Artikolu 402(1) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji jippreskrivi illi: *"Kull <u>membru ta' kumpannija</u> li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu."* (enfasi mizjud). L-Artikolu 2 ta' l-istess Att jghid li l-kelma *"membru"* tfisser *"azzjonista ta' kumpannija*" u li l-kelma *"azzjonista*" tfisser *"persuna registrata fir-registru ta' kumpannija … … jew id-detentur bona fide ta' warrant ta' azzjoni … …"*

prekluzi li jezercitaw l-azzjoni derivattiva kif kontemplata fl-Artikolu 402(3) fil-konfront tas-socjetajiet appellati l-ohra.

**28.** Ghaldaqstant, in kwantu l-appellanti qed jissottomettu li huma jistghu jezercitaw l-azzjoni derivattiva fil-konfront tas-socjetajiet appellati – hlief ghal Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. – dan l-aggravju taghhom huwa insostenibbli.

**It-tielet aggravju ta' l-appell principali**

**29.** F'dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw illi stante li huma membri tas-socjetajiet Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited, dawn iz-zewg konvenuti ma kellhomx jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**30.** Fir-risposta ta' l-appell taghhom dawn iz-zewg socjetajiet appellati issottomettew li *"Is-semplici fatt li persuna tkun membru ta' socjeta` mhux per se dritt ta' azzjoni a bazi ta' l-Artikolu 402 tal-Kap. fuq citat."* [13] Huma jicittaw brani minn **Farrar's Company Law** (4th edition, JH Farrar & BM Hanningan) fis-sens li l-azzjoni ghall-harsien kontra pregudizzju mhux gust hija wahda eccezzjonali, u li dawn il-kazijiet normalment jirriflettu karatteristici ta' l-hekk imsejha "quasi-partnerships" jew "small private companies" fejn l-azzjonisti jkunu "financially and personally committed to the company."

**31.** Ghalkemm din il-Qorti ma kellhiex access ghar-raba' edizzjoni ta' **Farrar**, hija kellha access ghat-tielet edizzjoni tal-ktieb tieghu, fejn wara li jaghmel in sostanza l-istess osservazzjonijiet ikkwotati mill-appellati Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd., huwa jghid bl-iktar mod car illi *"That is not to say that s 459* – tal-Companies Act Ingliz ta' l-1980, li hija l-ekwivalenti ta' l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 – *does not apply to larger companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the*

[13] Ara risposta ta' l-appell ta' Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. a fol. 43 tal-process para 9.

*interests of the members in such companies."* [14] L-istess kumment huwa perfettament applikabbli fil-konfront ta' l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, li ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kumpaniji zghar, hekk imsejha "quasi-partnerships", u kumpaniji kbar jew kumpaniji pubblici[15].

**32.** Konsegwentement ladarba l-appellanti jista' jkollhom rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, jekk l-ezitu tal-kawza odjerna ikun - ghall-grazzja ta' l-argument - favorevoli ghalihom, is-socjetajiet appellati Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd. ma kellhomx jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u f'dan is-sens din il-Qorti ser tippronunzja ruhha aktar 'l quddiem.

**<u>Ir-raba' aggravju ta' l-appell principali</u>**

**33.** F'dan l-aggravju, l-appellanti jissottomettu illi, abbazi ta' l-interess indirett taghhom, fis-socjetajiet konvenuti l-ohra, hemm lok ghall-azzjoni derivattiva fil-konfront ta' dawn is-socjetajiet li wkoll gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan l-aggravju huwa intimament konness mat-tieni aggravju, u din il-Qorti jidhrilha li ma ghandha xejn x'izzid ma' dak li diga` qalet iktar 'il fuq.

**34.** Ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**35.** Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva a skans ta' ekwivoci illi fir-rikors ta' l-appell taghhom l-appellanti ma qanqlu l-ebda aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn gie ritenut illi l-konvenuti diretturi personalment ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex ma jistghu jittiehdu l-ebda proceduri kontrihom taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386.

**<u>Decide</u>**

**36.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell interpost limitatament fis-sens kif gej, u cioe` billi thassar u

---

[14] Ara **Farrar's Company Law** (it-tielet edizzjoni) pag. 465.

[15] Fil-fatt l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 gie applikat fil-konfront ta' kumpanija li kellha l-ishma taghha ikkwotati fuq il-Borza ta' Malta fil-kaz **Vincent Monreal vs. Lino Delia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju 1999.

tirrevoka il-kap ta' l-ispejjez fis-sentenza appellata, kif ukoll thassar u tirrevoka s-sentenza appellata biss in kwantu lliberat lis-socjetajiet Demoncada Ltd u Demoncada Holdings Ltd mill-osservanza tal-gudizzju, pero` tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-konvenuti l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza fil-konfront ta' l-imsemmija Demoncada Ltd u Demoncada Holdings Ltd. In vista' tan-natura tal-kaz l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jithallsu hekk: dawk tal-konvenuti li qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju jithallsu mill-atturi appellati solidament bejniethom, filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet (l-atturi appellanti min-naha, u Demoncada Ltd u Demoncada Holdings Ltd min-naha l-ohra).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------